# In-Nobbiltà Maltija

## *Tagħrif*

**miġbur mis-Sur Joseph Abela**



Fir-rivista tas-sena li għaddiet ktibt dwar il-ġerarkija ta' l-Ordni ta' San Ġwann u biex isegwi binarji analogi sejjer ngħaddi tagħrif dwar in-nobbiltà ta' Malta li tmur lura għal mijiet ta' snin. L-istorja tan-nobbiltà Maltija hija waħda interessanti minħabba sehemna fis-sawran ta' l-istorja tagħna.

Matul il-perjodu tar-Rumani bejn is-sena 218 Qabel il-miġja ta' Kristu u s-sena 395 Wara l-miġja ta' Kristu kienet teżisti aristokrazija fejn il-Maltin kienu *Soci Romani* u l-gżejjer tagħna kienu jgawdu l-istatus ta' *Foederata Civitas*. Il-gżejjer Maltin ingħataw id-dinjità ta' muniċipju fejn kellna l-istess liġijiet u drittijiet oħra daqs ir-Rumani li jinkludi Senat li l-membri tiegħu kienu jissejħu *Decurions*.

Fil-*Malta Illustria* tal-Kummentatur Abela nsibu li ħafna mill-familji nobbli ġejjin minn antenati Normanni li fl-1090 taħt it-tmexxija tal-Konti Ruġġieru ta' Hauteville ħelsu lil Malta mill-Għarab. Dawn in-Normanni li ġew joqogħdu f'Malta ngħataw ħafna artijiet. Il-Monarkija Normanna stabbilixxiet f'Malta bl-istess mod kif għamlet fi Sqallija għadd ta' sarbit fl-istruttura politika bħala ma huma barunijiet, nobbli, ċittadini u l-bqija, u tawna wkoll Istituzzjonijiet Rappreżentattivi. Il-Professur Giovanni Antonio Vassallo fix-xogħol magħruf tiegħu *History of Malta* jikteb li fis-seklu ħmistax, il-klassi tan-nobbli Maltija kienet waħda numeruża ħafna. Ir-Re Ferdinandu kien jaf bir-rispettabbiltà taċ-ċittadini Maltin partikolarment kien familjari ma' Alvaro de Nava, fejn silfu s-somma enormi ta' tlett elef fjorin tad-deheb bil-kundizzjoni li meta jieħu t-tron jagħtih bħala fewdu *Bennarrat* sakemm jifdi d-dejn. Dan huwa dokumentat minn *privilegium* iffirmat mir-Re datat 28 ta' Mejju, 1477. Ta' min jinnota li l-familja De Nava kellha artijiet fl-Isla qabel il-miġja ta' l-Ordni f'Malta.

L-istoriku magħruf Giacomo Bosio li kiteb qatigħ dwar il-ġrajjiet ta' l-Ordni jagħtina rakkont fuq il-wasla tal-kavallieri fostna. Jiddeskrivi d-daħla tal-Gran Mastru Franċiż Fra Villiers de L'Isle Adam fil-Belt Notabile f'Novembru ta' l-1530, u membri tan-Nobbiltà Maltija riekba fuq iż-żwiemel laqgħuh ħdejn id-daħla ewlenija. In-Nobbli Paolo de Nazis għamel diskors ta' merħba u ppreżenta l-imfietaħ tal-belt lill-Gran Mastru fejn wiegħed li jħares id-drittijiet u l-privileġġi tal-Maltin. Il-Gran Mastri kienu impressjonati bil-kwalitajiet distinti u bil-livell ta' tagħlim tan-nobbli Maltin li kien jirrifletti l-antikità u l-istoffa ta' dan is-settur.

Is-Senglean il-Kanonku Ignazio Panzavecchia fil-kitba tiegħu *L'Ultimo periodo della Storia di Malta* jgħidilna kif erba' Senaturi Nobbli, il-*Capitano di Verga* u oħrajn akkumpanjaw lill-Gran Mastru De Rohan fil-mina tal-Belt il-qadima. Sakemm damet f'Malta l-Ordni ta' San Ġwann in-Nobbiltà Maltija gawdiet minn stima u rispett saħansitra ngħataw unuri u distinzjonijiet ġodda lil bosta familji. Barra minn hekk, u distinzjonijiet mogħtija lill-Maltin minn pajjiżi barranin kienu rikonoxxuti u anke reġistrati Kanċellerija Kosmopolitana ta' l-Ordni f'Malta.

Sas-seklu tmintax, in-Nobbli b'titli ereditarji u dawk b'xi fewdu kellhom id-dritt li jiffurmaw parti mill-Kunsill Nazzjonali jew il-*Consiglio Popolare*. Nobbli oħrajn eżerċitaw id-dritt li jeliġġu r-rappreżentanti tagħhom. Il-kittieb storiku Vassallo għaddielna tagħrif dwar il-*Consiglio Popolare* li kien l-Istituzzjoni Rappreżentattiva Nazzjonali komposta minn membri eletti permezz tal-voti ta' ċittadini ta' ċerta importanza. Fost dawk li setgħu jiġu eletti fil-*Consiglio Popolare* kienu n-Nobbli. Ħatriet ta' responsabbiltà u ta' importanza ġew okkupati minn fost in-Nobbiltà Maltija. Uħud minn dawn il-karigi inkludew il-Kaptan tal-Virga magħruf bħala l-*Capitano di Verga* jew il-Gvernatur ta' Notabile u l-Gżira ta' Malta u Kurunell tal-Militia, il-Gvernatur ta' Għawdex, is-*Segreto* jew l-Amministratur tal-Proprjetà tal-Gvern, il-Kmandanti jew Tenenti ta' l-Isla, il-Birgu u Bormla, u l-President tal-Kummissjonarji tal-Montè di Pietà. Xi ħatriet u prattiċi sabu tmiemhom fi żmien il-Gvernatur Sir Thomas Maitland permezz tal-proklama datata 3 ta' Ġunju, 1815, u aktar tard fl-1839 bit-tneħħija ta' dawn il-privileġġi ġew imxellfa r-relazzjoni bejn il-Gvern u l-Komunità Maltija.

Kienet id-drawwa li jingħataw ċerti distinzjonijiet lin-Nobbli li ma kinux jiġu estiżi lill-klassijiet oħra tas-soċjetà.

Il-preċedenza mogħtija lin-Nobbiltà bi preferenza ma' setturi oħrajn permezz ta' liġijiet mill-Gran Mastru Spanjol Don Raimondo Despiung bid-data 16 ta' Settembru, 1739, u tal-Gran Mastru Franċiż Fra Emanuel de Rohan bid-data 17 ta' Marzu, 1795, jagħtu prova konkreta kemm l-aristokrazija kienet meqjusa u mpoġġija fuq pedestall bħala klassi distinta u 'l fuq mill-kumplament tas-soċjetà komuni.

Ġewwa l-istess qafas ta' l-istruttura tan-Nobbiltà Maltija tiġi eżerċitata l-preċedenza bejniethom u tingħata skond l-antika tat-titli rispettivi kif stabbiliti mill-Gran Mastru Despiung, b'Digriet tas-16 ta' Lulju, 1739, sussegwentament issanzjonat mill-Gran Mastru De Rohan bl-Editt tas-17 ta' Marzu, 1793.

Dawk il-Maltin li jġibu titlu rikonoxxut mill-Kuruna huma ntitolati għall-prefiss hekk kif kellhom is-sodisfazzjon l-antenati tagħhom u jiġu indirizzati bħal per eżempju *Illustrissimu u Nobbli...* permezz tad-Dispaċċ ta' Lord Graville tat-23 ta' Frar ta' l-1886. L-ulied il-kbar b'kortesija kienu jġibu t-titlu ta' *Marchesino*, *Contino* jew *Baroncino* filwaqt li ż-żgħar kienu jindirizzawhom bħala *Dei Marchesi*, *Dei Conti* jew *Dei Baroni*, dejjem skond it-titlu tan-Nobbiltà tal-familja. Uħud mit-titli huma fewdali u jevolvu skond il-wirt perpetwu tal-beni fl-ordni tal-*primongenitum* jew l-ewwel wild kif japplika fil-Gran Brittagnia.


***Pittura ta' Antoine de Favrey li turi l-Gran Mastru L'Isle Adam jirċievi l-imfietaħ ta' l-Imdina u mogħti merħba minn Nobbiltà Maltija.***

Il-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch ċeda l-gżejjer tagħna lill-Ġeneral Napuljun Bonaparte fit-12 ta' Ġunju ta' l-1798, u wara l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann telqet minn Malta din bdiet titmexxa mill-forzi revoluzzjonarji tar-Repubblika Franċiża. Waħda mill-ewwel inizjattivi ta' Napuljun kienet li jabolixxi t-titli tan-Nobbiltà Maltija u kompla biex kull arma li turi sinjal ta' Nobbli tiġi meqruda jew imħassra, mossa li xejn ma niżlet tajjeb ma' dan is-settur.

Kważi xahar wara proprju fl-14 ta' Lulju ġie ordnat biex dawk li kienu jissejħu Nobbli jinġabru l-Belt Valletta quddiem il-Palazz fil-pjazza u jixħtu l-patenta jew ċertifikati f'ħuġġieġa mqabbda għal dan l-għan. Uħud minnhom ġiethom l-idea brillanti li jagħmlu kopji ta' l-oriġinal u rnexxielhom isalvaw dawk ġenwini. Fortunatament il-Franċiżi ma qerdux ir-reġistri ta' l-Ordni tal-kavallieri

Wara perjodu qasir ta' kważi sentejn, il-Maltin bl-għajnuna ta' l-Ingliżi ħelsu l-Malta mill-ħakma Franċiża. Għalhekk Malta saret parti mill-Imperu Brittaniku bit-Trattat ta' Pariġi ta' l-1814. L-Ingliżi wiegħdu li jirrispettaw id-drittijiet u l-privileġġi bikrin tal-Maltin li nkludew l-obbligazzjonijiet ta' l-għarfien ta' l-istatus u drittijiet tan-Nobbiltà Maltija mill-Kuruna Ingliża. Fl-1877, inħatret Kummissjoni Rjali magħmula minn Maltin prominenti biex jeżaminaw u jinvestigaw it-titli tan-Nobbiltà u jiddeċiedu liema minnhom għandhom ikunu konoxxuti mill-Kuruna. Sena wara l-kummissjoni resqet ir-rapport tagħha lill-Parlament Ingliż u 'l fuq minn tletin titlu ġew konoxxuti. Fl-1882, il-Gvern Ingliż ta lin-Nobbiltà Maltija l-faċilità ta' Kumitat tal-Privileġġi bil-funzjonijiet simili bħal dawk ta' l-Ingilterra.

Għalkemm ir-relazzjonijiet bejn il-Gvern Ingliż u n-Nobbiltà Maltija mhux dejjem kienu fi stat tajjeb, ta' l-ewwel dejjem wera kortesija u stima lejhom. Matul il-ħakma Ingliża xi Maltin irċevew titli minn pajjiżi barranin li għalkemm ta' prestiġju qatt ma kienu konoxxuti uffiċjalment mill-Gvern Malti u għalhekk ma setgħux jitqiesu bħala parti min-Nobbiltà Lokali.

Mal-milja tas-snin u wara l-kisba ta' l-Indipendenza u aktar tard meta Malta saret Repubblika fi ħdan il-*Commonwealth,* il-Gvern Malti ma baqax jirrikonoxxi t-titli tan-Nobbiltà. Madanakollu setgħu jiġu wżati, iżda mhux fid-dokumenti tal-Gvern.

Iż-żminijiet inbidlu u l-privileġġi saru użanzi tal-passat, però xorta jibqa' l-fatt li n-Nobbiltà kienet ingredjent importanti fit-tfassila ta' storja ta' ġens imżewqa bi ġrajjiet kemm ta' ferħ u ta' niket li għamlu l-pajjiżna jkun magħruf ma' l-erbat irjieħ.